Nru. 17,821
Prezz Lm1.28ċ
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 27 ta' Settembru, 2005
Tuesday, 27th September, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 990

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	26-28.09.2005

Is-27 ta' Settembru, 2005

Nru. 991

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (GVERN LOKALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-hatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	POŻIZZJONI *POSITION*	DATA *DATE*
Mr Silvio Frendo	Aġent Direttur *Acting Director*	Gvern Lokali *Local Government*	26-28.09.2005

Is-27 ta' Settembru, 2005

GOVERNMENT NOTICES

No. 990

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

27th September, 2005

No. 991

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (LOCAL GOVERNMENT)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

27th September, 2005

Nru. 992

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Saviour Farrugia	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	26-30.09.2005

Is-27 ta' Settembru, 2005

No. 992

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

27th September, 2005

Nru. 993

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr M. Micallef	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	26 – 28.10.2005

Din in-Notifikazzjoni tħassar dik li dehret bin-Nru. 972 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Settembru, 2005.

Is-27 ta' Settembru, 2005

No. 993

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

This Notice cancels the one with the No. 972 published in the Government Gazette of the 23rd September, 2005.

27th September, 2005

Nru. 994

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Elisa Falzon, B.A., LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard, LL.D., sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mit-22 ta' Settembru, 2005 sad-29 ta' Settembru, 2005.

Lorianne Camilleri
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-22 ta' Settembru, 2005

No. 994

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Elisa Falzon, B.A., LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Pierre Attard, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 22nd September, 2005 till the 29th September, 2005.

Lorianne Camilleri
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

22nd September, 2005

Nru. 995

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, id-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ) qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 995

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Commerce Division (Trade Licensing Unit) is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 100	Denise Bigeni	Studio 79 Salon "Shalom", Triq it-Tiġrija Xagħra, Għawdex	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	28.02.03
CD/3209/2005 Pt 329	Kevin Catania	Cherpol Block A, The Strand Gżira	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.43	14.09.05
CD/3209/2005 Pt 331	Haden Vella	St Francis Triq il-Fortizza Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	50.2	14.09.05
CD/3209/2005 Pt 332	Demis Bezzina	Il-Fruttivendolo 2, Triq in-Narċis off Triq Feliċ Borg San Ġwann	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21	14.09.05
CD/3209/2005 Pt 333	Mario Vella	Book Mark MCAST Main Campus, Triq Kordin, Paola	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III – Wholesale and retail trade*	52.47	15.09.05

Nru. tar-Riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-Applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-Post Kummerċjali *Address of the Commercial Premises*	Attività Kummerċjali *Commercial Activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2005 Pt 335	Josianne Schembri	16, Misraħ is-Sliem Żabbar	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	16.09.05
CD/3209/2005 Pt 336	Carmel Zahra	G M U Self Service 57, Triq Ta' Ġawhar Safi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21 52.24	16.09.05
CD/3209/2005 Pt 337	Ubaldo Fenech	Daily Needs 1, Triq Portzjunkola Qawra, San Pawl il-Baħar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21 52.25	16.09.05
CD/3209/2005 Pt 338	Pauline Spiteri	Pauline Butcher Shop No. 1, Triq Patri Anton Debono Victoria, Għawdex	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.22	19.09.05
CD/3209/2005 Pt 339	Nazzareno Vassallo	Il-Qronfla Vjal l-Indipendenza, Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.4 52.12 52.44 52.48.10 52.48.11 52.48.13	19.09.05

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Is-27 ta' Settembru, 2005

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

27th September, 2005

Nru. 996

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 967 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Settembru, 2005, f'paġna 9317, ngħarrfu illi t-titlu bil-verżjoni bil-Malti kellu jkun "Numri Ġodda ta' Bibien f'Santa Venera".

Is-27 ta' Settembru, 2005

No. 996

RENUMBERING OF DOORS

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 967 published in the Government Gazette dated 20th September, 2005, on page 9317, it is notifed that the heading in the Maltese version should have read "Numri Ġodda ta' Bibien f'Santa Venera".

27th September, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 55 ta' l-2005

Kampanja ta' Tindif ta' Qiegħ il-Baħar

L-HSBC Cares for the Environment se tmexxi avveniment ta' tindif tal-baħar f'San Pawl il-Baħar ħdejn il-*waterpolo pitch* tas-Sirens.

Wieħed jista' jara l-lokalità ta' fejn se jsir l-avveniment fuq iċ-*chart* li tinsab fil-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:

http://www.mma.gov.mt£notices_mariners.asp

It-tindif se jsir f'*area* magħluqa b'linja li tgħaqqad il-ponot A,B, C u D u x-xatt intermedju.

	Latitude (T)	*Longitude*(L)
A	35°56'.95	14°24'.22
B	35°57'.15	14°24'.24
C	35°56'.80	14°24'.30
D	35°56'.59	14°24'.27

Din l-attività se ssir nhar il-Ħadd, it-2 ta' Ottubru, 2005, bejn id-9.30 a.m. u l-5.00 p.m. u se ssir minn għaddasa.

F'każ ta' maltemp, l-avveniment isir fiċ-Ċirkewwa fl-*area* popolari ma' l-għaddasa.

Minħabba dan ta' hawn fuq, sidien ta' inġenji li jkunu jbaħħru qrib l-*area* msemmi jaf'din il-bajja għandhom ibaħħru b'kawtela kbira u joqogħdu attenti għall-għaddasa fid-data u l-ħinijiet imsemmija haw fuq.

Charts affettwati: BA 211

Is-27 ta' Settembru, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 55 of 2005

Clean up Campaign of the Seabed

The HSCB Cares for the Environment will be conducting a clean up the seas event in Saint Paul's Bay near the Sirens waterpolo pitch.

The location where the clean up event is to take place can be viewed on the chart on the Malta Maritime Authority's website:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

The clean up will be conducted inside an area delineated by line joining points A,B,C and D and the intermediate coastline.

	Latitude (N)	Longitude(E)
A	35°56'.95	14°24'.22
B	35°57'.15	14°24'.24
C	35°56'.80	14°24'.30
D	35°56'.59	14°24'.27

This activity will be held on Sunday, 2 October 2005 between 9.30 a.m. and 5.00 p.m. and will be carried out by divers.

In case of adverse weather, the event will be held at Ċirkewwa in the area popular with divers.

In view of the above, masters of craft navigating close to the above area in this bay are to navigate with extreme caution and keep a sharp lookout for divers on the date and time mentioned above.

Chart affected BA 211.

27th September, 2005

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Riżultat għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Projects Officer (Third Country Nationals)* fid-Direttorat *Third Country Nationals* fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern

Id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, jgħarraf illi r-riżultat għall-ożizzjoni msemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Katalunya, Triq Marsamxett, Valletta u fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-27 ta' Settembru, 2005

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Result for the Engagement on Contract in the Position of Projects Officer (Third Country Nationals) in the Third Country Nationals Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs

The Director, Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, notifies that the result for the above mentioned position has been published and may be viewed on the notice-board of the Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta, and on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

27th September, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar (General Medicine)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Senior Registrar (General Medicine)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (*General Medicine*) għandu salarju ta' Lm7,521 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,171 (Skala ta' Salarju Nru. 5).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm -il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (General Medicine) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (General Medicine) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (General Medicine) carries a salary of Lm7,521 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,171 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fid-Dipartiment tal-Mediċina fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina u tkun suġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.3. Il-persuna nominata trid tipprovdi servizz mediku kliniku għall-*inpatients* u *outpatients* ibbażat fl-Isptar San Luqa. Id-doveri u r-responsabbilitajiet jinkludu:

a) sehem fil-provvediment ta' kura medika ta' rutina u ta' emerġenza għall-*inpatients* fl-Isptar San Luqa u sptarijiet oħra (li jistgħu jinkludu l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex).

b) attendenza u tmexxija ta' *ward rounds* u *outpatients clinics* kif jinħtieġ.

ċ) konsultazzjoni ma' kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni xierqa u kontinwità tal-kura tal-pazjent. Hi tkun trid tikkonsulta ruħha ma' l-impjegati oħra (infermiera, tekniċi u impjegati oħra ta' dipartimenti oħra) biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa fuq il-kura tal-pazjent u l-investigazzjoni meħtieġa jkunu fehmuhom sewwa.

d) tagħmilha flok il-*Consultant Physician* kif jinħtieġ.

e) tissorvelja x-xogħol ta' *staff* mediku fil-gradi anqas minn *Senior Registrar*. Dan jinkludi reviżjoni sewwa tar-*records* tal-pazjenti biex jiġi assigurat li huma korretti, *up to date* u li jinqraw.

f) iżżomm ta' kuntatt mal-qraba tal-pazjenti.

g) tkopri kollegi tagħha f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew xi *leave* ieħor.

h) dikjarazzjoni li f'ċirkostanzi eċċezzjonali trid tattendi għax-xogħol f'dawk il-każi mhux tas-soltu barra mill-ħinijiet normali tar-*roster* tagħha skond kif ikun meħtieġ għall-kontinwità tal-kura tal-pazjenti.

i) Il-persuna nominata tkun trid tuża s-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

j) Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Mediċina u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.1. The appointee will be required to work in the Department of Medicine in the Health Division.

5.2. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Chairman of the Department of Medicine and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.3. The appointee will provide a clinical inpatient and outpatient medical service based at St.Luke's Hospital. The main duties and responsibilities include:

a) participating in the day to day provision of routine and emergency medical care for in-patients at St.Luke's Hospital and other hospitals (which may include Gozo General Hospital).

b) attending and conducting ward rounds and out-patient clinics as required.

c) liaising with colleagues who are on duty immediately before or after care. He/She must liaise with other staff (nursing, technical and other staff of other departments) to ensure that necessary information on patient care and investigation required are fully understood.

d) deputizing for the consultant physician as necessary.

e) supervising the work of medical staff below the level of Senior Registrar. This should include careful review of patient records to make sure that they are accurate, up to date and legible.

f) liaising with patients' relatives.

g) providing cover for other colleagues in an emergency or when on vacation or other leave.

h) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

i) The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

j) The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Medicine and to involve himself/herself in on-going research programmes.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina (e.g. MRCP jew kwalifika adatta komparabbli) u tliet snin wara r-reġistrazzjoni ta' l-esperjenza fl-ispeċjalità wara li jiksbu din il-kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in General Medicine (e.g. MRCP or an approved appropriate comparable qualification) and three years postregistration experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Ottubru 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' Settembru, 2005

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 21st October 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

27th September, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Technician (Industrial Electronics)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Technician (Industrial Electronics)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' *Technician (Industrial Electronics)* għandu salarju ta' Lm4,069 fis-sena li jiżdied b'Lm128 fis-sena sa massimu ta' Lm4,837.

2.2. Persuna fil-ħatra ta' *Technician (Industrial Electronics)* tilħaq *Senior Technician (Industrial Electronics)* fi Skala 14 (Salarju Lm4,325 x 136 – Lm 5,141), jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, wara seba' (7) snin servizz fil-grad; u jekk il-persuna jkollha l-*Higher Technician Diploma* jew kwalifika teknika ekwivalenti jew ogħla, il-perjodu jiqsar għal ħames (5) snin.

2.3. Il-*Higher Technician Diploma* għandha tiġi kkunsidrata bħala kwalifika f'Livell 4. Persuna li jkollha kwalifika xierqa f'Livell 3, segwita b'sentejn esperjenza xierqa u ppruvata, titqies bħala li tissodisfa l-klawsola '*Higher Technician Diploma* jew kwalifika xierqa ekwivalenti' li tinsab f'sub-paragrafu 2.2 hawn fuq.

3. Din il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Technician (Industrial Electronics)* jinkludu:

(i) tiswija tat-tagħmir ta' *general electronics* li m'humiex Bijomediċi inklużi *Electro-Mechanical Controls*, kif ukoll tagħmir li hu Bijomediku bħal dak li jinstab fir-*Radiology Section*, *Monitoring and Renal Section, Laboratory and Medical Support Section, Medical Gases Equipment Section* u fil-*Biomedical Electronics Section* ta' l-*Engineering Division;*

(ii) xogħol ta' manutenzjoni preventiv fuq it-tipi tat-tagħmir imsemmi hawn fuq skond il-pjan stabbilit;

(iii) żamma ta' reġistru ta' manutenzjoni u xogħol relatat; u

(iv) xogħol ieħor tekniku kif tkun imqabbda mis-superjuri tagħha.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Technician (Industrial Electronics) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Technician (Industrial Electronics) in the Health Division.

2.1. The salary for the post of Technician (Industrial Electronics) is Lm4,069 per annum rising by annual increments of Lm128 up to a maximum of Lm4,837.

2.2. A Technician (Industrial Electronics) shall be appointed Senior Technician (Industrial Electronics) in Scale 14 (Salary Lm4,325 x 136 – Lm5,141), subject to satisfactory performance, on completion of seven (7) years service in the grade, provided that in the case of persons in possession of a Higher Technician Diploma or equivalent or higher technical qualification, the period of service shall be reduced to five (5) years.

2.3. The Higher Technician Diploma is to be considered as a Level 4 Qualification. A person in possession of a Level 3 appropriate qualification followed by two (2) years proven appropriate experience shall be deemed to satisfy the clause 'Higher Technician Diploma or appropriate equivalent qualification' found under sub-paragraph 2.2. above.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Technician (Industrial Electronics) include:

(i) repairing general electronics equipment both of a non-Biomedical nature including Electro-Mechanical Controls, and of a Biomedical nature such as that found in the Radiology Section, Monitoring and Renal Section, Laboratory and Medical Support Section, Medical Gases Equipment Section and in the Biomedical Electronics Section of the Engineering Division;

(ii) performing duties of preventive maintenance according to an established plan on the above-mentioned types of equipment;

(iii) maintaining a record of maintenance and allied functions and;

(iv) other technical duties as assigned by his/her superiors.

(v) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

5. L-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġizlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-hatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) (i) ikunu temmew b'suċċess kors ta' studju taħt l-iskema ta' *Technician Apprenticeship Scheme* (TAS);

JEW

(ii) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz li mill-inqas għandhom l-*Ordinary Technician Diploma (OTD)* jew kwalifika adatta komparabbli;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil

(v) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

5. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) (i) have successfully completed a course of study under the Technician Apprenticeship Scheme (TAS),

OR

(ii) be Public Officers in possession of at least the Ordinary Technician Diploma (OTD) or an approved appropriate comparable qualification;

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable

raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Divizjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-persuni magħżula jkunu meħtieġa li jattendu korsijiet edukattivi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta kif approvat mid-Diviżjoni tas-Saħħa. F'każ li persuni jintbagħtu biex jattendu korsijiet barra minn Malta, huma jkunu marbuta bil-kundizzjonijiet relevanti mniżżla fil-*Public Service Management Code*.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji iridu jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

7. The selected candidates will be required to attend further educational courses locally and abroad as approved by the Health Division. When following courses abroad, they will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, il-21 ta' Ottubru, 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-27 ta' Settembru, 2005

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment
or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15 Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 21st October, 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

27th September, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar (Cardiology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Senior Registrar* (*Cardiology*) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (*Cardiology*) għandu salarju ta' Lm7,521 fis-sena li jitla' b'żidiet ta' Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,171 (Skala ta' Salarju Nru 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jithallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar (Cardiology) in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Senior Registrar (Cardiology) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Cardiology) carries a salary of Lm7,521 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,171 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm -il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata trid tgħin lill-*Consultant Cardiologist* fl-immaniġġjar ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata trid tkun taf sewwa l-immaniġġjar ta' kuljum tal-pazjenti li jkunu fis-swali, fil-*Coronary Care Unit*, fl-*Out-Patient Department* u fl-*Accident and Emergency Department*.

5.3. Il-persuna nominata trid tgħin fil-proċeduri ta' interventi dijonjostiċi u terapewtiċi li jsiru fil-*Catheterisation Laboratory* inkluż id-dħul ta' *pacemakers* permanenti.

5.4. Il-persuna nominata trid taħdem skond *roster* imfassal skond il-ħtiġiet tad-Dipartiment. Hi trid tieħu deċiżjonijiet meħtieġa dwar il-maniġġjar ta' pazjenti u tirreferi għall-*'Consultant on Call'* għall-parir kif jinħtieġ u xieraq.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programm ta' taħriġ u tagħlim inkluż dawk għall-istudenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kardjoloġija u li tinvolvi ruħha fi programm kontinwu ta' riċerka.

5.6. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizz u verifika medika.

5.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-*Cardiac Services* u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.8. Il-persuna magħżula tkun trid tuża s-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Cardiologist in the overall management of patients.

5.2. The appointee should be fully conversant with the acute and day to day management of Cardiac patients seen in the Wards, Coronary Care Unit, Out-Patient Department and Accident and Emergency Department.

5.3. The appointee will assist in the various interventional diagnostic and therapeutic procedures carried out in the Catheterisation Laboratory including the insertion of permanent pacemakers.

5.4. The appointee will perform duties according to a roster tailored to the needs of the Department. He/She will take the necessary decisions concerning the management of patients and will refer to the 'Consultant on Call' for advice as necessary and appropriate.

Quot. PFI No. 2239. Caspofungin 70mg vials.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.health.gov.mt/gps/pfi.htm.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

27th September, 2005

MINISTRY FOR INVESTMENT, INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

The Ministry for Investment, Industry and Information Technology (MIIIT) is seeking the services of interested and competent organisations to submit proposals for the development, implementation, management and operation of an Electronic Change of Address (ECA) solution. The primary objective of this initiative is to facilitate and execute the necessary processes for the notification of address changes, through:

1. The development an Electronic Change of Address portal, the focus of which would be the notification by members of the general public and the business community of their change of address, when relocating to a new property, or changes in door numbering schemes, to identified public and private sector entities; and

2. It-twaqqif ta' Entità/Korp uniku, minn hawn 'il quddiem magħruf bħala Entità Fdata, li tiġġestixxi u topera l-*ECA portal*.

Kopja ta' l-REF tista' titniżżel mill-*website* tal-MIIIT www.miti.gov.mt

Il-proposti għandhom jinxteħtu fil-kaxxa ta' l-RFP li tinsab fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR02, mhux aktar tard mill-10.00 a.m. ħin ta' Malta ta' nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Ottubru, 2005. Proposti li jasli tard ma jiġux ikkunsidrati.

Is-27 ta' Lulju, 2005

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Settembru, 2005, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 03/05. Żamma u manutenzjoni tat-tabelli tat-traffiku.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 04/05. Żamma, manutenzjoni, kostruzzjoni u rikostruzzjoni ta' toroq u bankini.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm60 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 05/05. Żamma u manutenzjoni ta' ġonna u postijiet pubbliċi.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 06/05. Żamma, manutenzjoni, kostruzzjoni u rikostruzzjoni ta' toroq (traqqigħ).
Għandu jitħallas dritt ta' Lm30 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 07/05. Servizz ta' *handyman*.
Għandu jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 08/05. Tindif u żamma ta' żoni u toroq urbani, żoni u toroq mhux urbani u nħawi miftuħa li jinsabu fil-konfini tal-Kunsill Lokali Pembroke, liema offerta tinkludi:-
Parti A - Tindif, żamma u qtugħ ta' ħaxix f'*soft areas*
Parti B - Qtugħ ta' ħaxix, knis u tindif ta' żoni u toroq urbani

2. The setting up of a single Entity/Body, hereinafter referred to as the Trusted Entity, that will manage and operate the ECA portal.

A copy of the RFP can be downloaded from the MIIIT website: www.miti.gov.mt.

Proposals are to be deposited in the RFP box located at the Ministry for Investment, Industry and Information Technology, Palazzo Verdelin, 111 Archbishop Street, Valletta CMR 02, by not later than 10.00 a.m. Malta time, on Friday, 21st October 2005. Late submissions will not be considered.

27th September, 2005

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:-

Sealed tenders/quotations will be received at the Council's Administrative Office up to 11.00 a.m. of Friday, 30th September, 2005, for:-

Advt. No. 03/2005. Upkeep and maintenance of traffic signs.
A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 04/2005. Upkeep, maintenance, construction and reconstruction of roads and pavements.
A fee of Lm60 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 05/2005. Cleaning and maintenance of parks and gardens.
A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 06/2005. Upkeep, maintenance, construction and reconstruction of roads (patching).
A fee of Lm30 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 07/2005. Handyman service.
A fee of Lm50 is to be paid for each copy of tender document.

Advt. No. 08/2005. Cleaning and embellishment of urban, non urban and open areas within Pembroke boundaries, which tender includes:-
Part A - Cleaning, clearing and grass cutting soft areas
Part B - Weeding, sweeping and clearing urban roads

Parti Ċ - Qtugħ ta' ħaxix, knis u tindif ta' żoni u toroq mhux urbani

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Part C - Weeding, sweeping and clearing of non urban roads

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Avviż Nru. 09/05. Ġbir ta' skart kummerċjali u residenzjali.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull dokument ta' l-offerta.

Advt. No. 09/2005. Collection of household and commercial refuse.

A fee of Lm20 is to be paid for each copy of tender document.

Avviż Nru. 10/05. Ġbir ta' skart goff bieb bieb.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-offerta.

Advt. No. 10/2005. Collection of door to door bulky refuse.

A fee of Lm15 is to be paid for each copy of tender document.

L-offerti kollha għandhom jiġu sottomessi f'*envelope* ssiġilat.

All tenders are to be submitted in sealed envelopes.

Kwot. Nru. 01/2005. Xkatlar, żebgħa u manutenzjoni ta' l-injam tal-bandli, bankijiet, *gazebos* u l-arkati.

Quot. No. 01/2005. Sanding, painting and maintenance of all wooden equipment including all playing equipment, benches, arches and gazebos.

Kwot. Nru. 02/2005. Manutenzjoni jew bdil tas-saqaf tal-*gazebo*.

Quot. No. 02/2005. Maintenance or replacing of gazebo's canopy.

Kwot. Nru. 03/2005. Manutenzjoni u żebgħa tal-ħadid kollu tal-ġnien.

Quot. No. 03/2005. Maintenance and painting of all iron works including railings, benches and lamp posts.

Kwot. Nru. 04/2005. Burdura tal-konkos/*paving blocks* madwar il-passaġġi kollha.

Quot. No. 04/2005. Laying and supply of concrete/paving blocks border.

Kwot. Nru. 05/2005. Provvista u twaħħil ta' *railings/barriers* tal-ħadid galvanizzat.

Quot. No. 05/2005. Supply and fixing of galvanized hand railing/barriers.

Kwot. Nru. 06/2005. Provvista u twaħħil ta' *bollards* baxxi.

Quot. No. 06/2005. Supply and fixing of low level bollards.

Kwot. Nru. 07/2005. Tibjid tal-latrini pubbliċi minn barra.

Quot. No. 07/2005. Painting of public conveniences.

Kwot. Nru. 08/2005. Manutenzjoni u tiswija tal-ħajt tas-sejjieħ.

Quot. No. 08/2005. Maintenance and repair of rubble wall.

Kwot. Nru. 09/2005. Manutenzjoni tal-funtana eżistenti.

Quot No. 09/2005. Maintenance of existing fountain.

Kwot. Nru. 10/2005. Pavimentar biċ-ċagħaq u blokki tal-pavimentar fejn hemm bżonn.

Quot. No. 10/2005. Laying of pebbles and paving blocks where necessary.

Kwot. Nru. 11/2005. Servizzi ta' konsulenza għall-applikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tagħhom għal skemi, programmi u proġetti li joriġinaw minn programmi u fondi ta' l-UE.

Quot. No. 11/2005. Provision of consultancy services for applications and the implementation of schemes, programmes and projects originating from EU programmes and funds.

Il-kwotazzjonijiet kollha għandhom jintbagħtu fuq formoli speċifiċi li jistgħu jinġabru mill-uffiċċji tal-Kunsill.

All quotations are to be submitted on specific forms which may be collected from the Council's offices.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke li jinsab fi Triq Alamein,

Further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Triq

Pembroke, waqt il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

L-offerti/il-kwotazzjonijiet kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat ta' l-għeluq.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta/kwotazzjoni jew parti minnha, anke l-aktar offerta/kwotazzjoni vantaġġuża.

Is-27 ta' Settembru, 2005

Alamein, Pembroke, during office hours.

Tenders/quotations will be opened in public after the closing time stipulated.

The Pembroke Local Council reserves the right to reject any tender/quotation or part there of, even the most advantageous.

27th September, 2005

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1976

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-20 ta' Ġunju 2005 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Captain Morgan Leisure Limited (C3255) ta' Dolphin Court, Tignè Seafront, Sliema, ippreżentaw talba fl-4 ta' April 2005, fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Intramed Ltd (14720) ta' 37, Triq il-Kartoċċ, Ibraġġ STJ 13, thallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef u erba' mitt lira Maltija u tlieta u disgħin ċenteżmu (Lm3,400.93) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 179/05MM) hija differita għas-26 ta' Ottubru 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 20 ta' Settembru 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 20th June 2005, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Captain Morgan Leisure Limited (C3255) of Dolphin Court, Tignè Seafront, Sliema, filed a Claim on the 4th April 2005, whereby they asked the Court to condemn Intramed Ltd (C14720) of 37, Triq il-Kartoċċ, Ibraġġ STJ 13, to pay the plaintiff company the sum of three thousand four hundred Maltese liri and ninty three cents (Lm3,400.93) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 179/05 MM) is put off to the 26th October 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 20th September 2005.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1977

Ikun jaf kulħadd illi l-Bord li Jirregola l-Kera permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Awissu 2005, fl-atti tar-Rikors 45/05, fl-ismijiet Cassar Dr Carmelo et vs Galea Louis Sam et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-2 ta' Ġunju 2005, minn Dott. Carmelo Cassar et, bis-segwenti 'occhio' Dott Carmelo Cassar ID 21120(M) et vs Louis Sam Galea ID 5377849(M) et, ir-rikorrenti espona bir-rispett;

Illi huma bħala aventi causa ta' Mary Cassar, jikru lil intimat Louis Sam Galea l-fond numru mija tnejn u erbgħin

It is hereby notified that the Rent Regulation Board by means of a decree given on the 24th August 2005, in the acts of the Application 45/05, in the names Cassar Dr Carmelo et vs Galea Louis Sam et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Rent Regulation Board on the 2nd June 2005, by Dr Carmelo Cassar et, with the following 'heading' Dr Carmelo Cassar ID 21120(M) et vs Louis Sam Galea ID 5377849(M) et the applicant pleaded with respect;

That as successors in title of Mary Cassar they grant on lease the respondent Louis Sam Galea, the premises number one

(142) qabel numru 160, Triq in-Naxxar, Birkirkara għan-negozju tiegħu ta' tiswija ta' vetturi.

.....Omissis.....

Illi l-intimat Louis Sam Galea naqas li jħallas il-kera għal iskadenzi ta' l-1 ta' April 2003, 1 ta' Lulju 2003, 1 ta' Ottubru 2003.

.....Omissis.....

Illi għalhekk l-intimat Louis Sam Galea huwa moruż għal finijiet ta' l-Artikolu 9(a) (1) tal-Kap. 69.

Illi l-intimat mhux qed juża l-fond għall-iskop li għalih ġie mikri.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu għar-raġunijiet fuq imsemmija li jiġu awtorizzati minn dan il-Bord ma jġeddux il-lokazzjoni tal-fond 142, Triq in-Naxxar, Birkirkara fl-iskadenza li tmiss u konsegwentement li dan il-Bord jordna l-iżgumbrament ta' l-intimat Louis Sam Galea, u ta' martu Miriam sive Mary Anne Galea, jekk il-każ, fi żmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż.

Intimati: 142, Triq in-Naxxar, Birkirkara.

Ir-Rikors Numru 45/2005, fl-ismijiet Cassar Dott. Carmelo et vs Galea Louis Sam et, jinsab differit għas-smigħ għas-27 ta' Ottubru 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord li Jirregola l-Kera) illum 20 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

hundred and forty two (142) previously number 160, Naxxar Road, Birkirkara for his business, the repair of vehicles

.....Omissis.....

That the respondent Louis Sam Galea failed to pay the rent for the periods of the 1st April 2003, 1st July 2003, 1st October 2003

.....Omissis.....

That thus the respondent Louis Sam Galea is in delay for the purposes of Article 9(a) (1) of Cap. 69.

That the respondent is not using the premises for the purpose it was leased.

Thus the applicants pray with respect for the reasons above mentioned that they be authorized by this Board they do not renew the lease of the premises 142, Naxxar Road, Birkirkara, when the next instalment is due and that consequently this Board orders the eviction of the respondent Louis Sam Galea, and of his wife Miriam sive Mary Anne Galea, if it be the case, within a short and peremptory period.

With costs.

Respondents: 142, Naxxar Road, Birkirkara.

The application Number 42/2005 in the names Cassar Dr Carmelo et vs Galea Louis Sam et has been put off for hearing to the 27th October 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, (Rent Regulation Board) today 20th September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1978

Avviż ai termini ta' l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-13 ta' Settembru 2005 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Ġuridizzjoni Ġenerali ġiet ordnata din il-pubblikazzjoni.

B'rikors preżentat fis-6 ta' Settembru 2005 fil-Qorti hawn fuq imsemmija mill-Avukat Dottor Georgine Grech u oħrajn, Rikors numru 11/2005, (rikors fit-termini ta' l-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili) ġiet mitluba l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex is-sehem spettanti lill-persuni hawn taħt imsemmija minn biċċa art aċċessibbli mill-fond numru tnax (12) fi Triq Ħanaq, in-Nadur, Għawdex, bil-kejl ta' ċirka mija u żewġ

Notice in terms of article 495A of the Civil Code

It is hereby notified that by virtue of a decree dated 13th September 2005 delivered by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, the Court ordered the following publication.

Through an application filed on the 6th September 2005 in the abovementioned Court by Advocate Dr Georgine Grech and others, Application number 11/2005 (Application in terms of article 495A of the Civil Code), the Court was asked to give its authorization for the share pertaining to the persons mentioned hereunder of the plot of land accessible from the premises numbered twelve (12) in Ħanaq Street, Nadur, Gozo,

metri kwadri (102m.k.) li tmiss mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' beni tal-kumpraturi u mit-Tramuntana in parti ma' beni ta' Carmelo Grech u in parti ma' beni ta' Angela Camilleri, jinbiegħ fit-termini tal-konvenji esebiti ma' l-istess rikors.

Dawn il-persuni huma: l-imsefrin Michaelina Attard, M'Rose Naughton, Josephine Muscat u Mosé Attard, Pietru Said, Salvu Said, Francis Said, Tony Said, Peter Said, Maria Muscat, Angela Mifsud, Carmen Cremona, Michelina Fenech u Assunta Farrugia.

Ir-rikors huwa appuntat għas-smigħ għall-11 ta' Novembru 2005 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex).

Illum 20 ta' Settembru 2005.

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

measuring circa one hundred and two square metres (102m.k.), bounded on the east and on the south by property of purchasers and on the north in part by property of Carmelo Grech and in part by property of Angela Camilleri, be sold in terms of the promise of sale agreements exhibited in the records of said application.

The said persons are: Michaelina Attard, M'Rose Naughton, Josephine Muscat and Mosé Attard, Pietru Said, Salvu Said, Francis Said, Tony Said, Peter Said, Maria Muscat, Angela Mifsud, Carmen Cremona, Michelina Fenech and Assunta Farrugia, all of whom live abroad.

The application is set for hearing for the 11th November 2005 at 9.00 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo).

This 20th September 2005.

ANTHONY MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1979

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Settembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 518/95, Francis Zahra vs Carmel sive Charles Pace ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellat Carmel sive Charles Pace a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi nghalqu l-proċeduri bil-miktub f'kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell bejn Francis Zahra u b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2000 Charles Azzopardi ġie ammess fil-kawża bħala parti interessata u b'digriet tat-8 ta' Ġunju 2001 ġew maħtura Dott. Tonio Azzopardi u P.L. Liliana Buhagiar biex jirrapreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' l-attur li miet fil-mori tal-kawża vs Carmel sive Charles Pace u b'digriet tat-3 ta' Ġunju 1996. Dott. Louis Bianchi għan-nom u in rappreżentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited bħala rappreżentanti tas-soċjetà assikuratriċi estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc tintervjeni fil-kawża 'in statu et terminis' u permezz ta' nota ppreżentata fid-19 ta' Jannar 2001 GasanMamo Insurance Agency Limited qed tassumi l-atti bħala intervenuta fil-kawża flok Dott. Louis Bianchi għan-nom ta' Gasan Insurance Agency Limited, il-kawża hawn fuq imsemmija ġiet appuntata għas-smigħ għat-Tnejn, tmintax (18) ta' April 2005, fil-11.30 a.m., u differita għall-20 ta' Ġunju 2005, fid-9.30 a.m., u issa tqiegħdet għas-smigħ għas-7 ta' Novembru 2005, fid-9.00 a.m.

Notifika: Carmel Pace, 122, Triq San Gaetano, Ħamrun.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) 23 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 16th September 2005, in the records of theWrit of Summons number 518/95, Francis Zahra vs Carmel sive Charles Pace ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Carmel sive Charles Pace in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal between Francis Zahra and by decree of the 21st June 2000 Charles Azzopardi was admitted into the cause as an interested party and by decree of the 8th June 2001 Dr Tonio Azzopardi and L.P. Liliana Buhagiar were appointed to represent the vacant inheritance of the plaintiff who died during the cause vs Carmel sive Charles Pace and by decree of the 3rd June 1996. Dr Louis Bianchi in the name and in representation of the firm Gasan Insurance Agency Limited as representatives of the insurance company General Accident Fire & Life Assurance Corporation plc intervened in the cause 'in statu et terminis' and by means of a note filed on the 19th January 2001, GasanMamo Insurance Agency Limited took over the proceedings as intervenor in the cause instead of Dr Louis Bianchi on behalf of Gasan Insurance Agency Limited, the cause above mentioned was appointed for hearing on Monday, eighteenth (18) of April 2005, at 11.30 a.m., and put off to the 20th June 2005, at 9.30 a.m., and now put on list for hearing of the 7th November 2005, at 9.00 a.m.

Notify: Carmel Pace,122, St. Gaetan Street, Hamrun.

Registry of the Superior Courts (Appeals) 23rd September 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1980

Ikun jaf kulhadd illi l-Bord li Jirregola l-Kera permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru 2005, fl-atti tar-rikors numru 87/03 JC fl-ismijiet Micallef Engerer Alfred et vs Pace Mary ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimata a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, mir-rikorrenti Alfred u Christina konjugi Micallef Engerer, fl-ismijiet Alfred u Christina konjugi Micallef Engerer vs Mary Pace, ir-rikorrenti esponew bir-rispett;

Illi l-esponenti jikru l-fond bin-numru 9A, Triq in-Naxxar, San Ġwann bħala ħanut għall-kera ta' mija ħamsa u tletin lira Maltija (Lm135) kull erba' xhur bil-quddiem;

Illi l-istess ħanut kien tħalla għal diversi żimgħat magħluq, mitluq u fi stat dilapidat kif jista' jiġi ppruvat minn dokumenti f'idejn l-esponenti;

…..Omissis…..

Illi jidher ċar li l-istess Mary Pace la għadha tiġġestixxi l-ħanut u anqas tużah personalment, iżda jew issullokat jew għaddiet il-ġestjoni u kull interess lill-terzi;

Illi inoltre l-esponenti jinħtieġu l-istess ħanut għal skopijiet personali peress li dan kien jagħmel parti integrali mid-dar residenzjali tagħhom u jinħtieġu l-istess lura minħabba esiġenzi ġodda.

Għaldaqstant l-esponenti qiegħed bil-qima għar-raġunijiet fuq premessi jitolbu lil dan il-Bord jordna lill-esponenti jirriprendu l-pussess tal-ħanut numru 9A, fi Triq in-Naxxar, San Ġwann, okkorrendo billi jordna l-Iżgumbrament ta' l-intimata mill-ħanut in kwistjoni, bl-ispejjeż kontra l-istess intimata.

B'riżerva għall-azzjoni għad-danni kontra l-intimata.

Intimata: 'Windrose', Ta' Xmiexi Street, Msida.

Ir-Rikors numru 87/2003 JC Micallef Engerer Alfred et vs Pace Mary ġie differit għad-9 ta' Novembru 2005, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, (Bord li Jirregola l-Kera), illum, 23 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Rent Regulation Board by means of a decree given on the 1st December 2005, in the acts of application number 87/03 JC in the names Micallef Engerer Alfred et vs Pace Mary ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Rent Regulation Board, by the applicant Alfred and Christina spouses Micallef Engerer, in the names Alfred and Christina spouses Micallef Engerer vs Mary Pace, the applicants pleaded with respect;

That the applicants grant on lease the premises bearing number 9A in Naxxar Road, San Ġwann as a shop towards the rent of one hundred thirty five Maltese Liri (Lm135) every four months in advance;

That the same shop had been left for various weeks closed, abandoned and in a dilapidated state as shall be proved by documents in the applicant's possession;

….Omissis….

That it appears clear that the same Mary Pace does no longer manage the shop nor use it personally, but either sublet or passed on the administration and every interest to third parties;

That furthermore the applicants require the same shop for personal reasons as this formed an integral part of their residential home and require the same back due to new needs.

Thus the applicants respectfully for the reasons above mentioned pray that this Board orders the applicants to take back possession of the shop number 9A at Naxxar Road, San Ġwann, if necessary by ordering the eviction of the respondent from the shop in question, with costs against the respondent.

Saving any action for damages against the respondent.

Respondent: 'Windrose', Ta' Xmiexi Street, Msida.

The Application number 87/2003 JC Micallef Engerer Alfred et vs Pace Mary was put off to the 9th November 2005, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, (Rent Regulation Board), today 23rd September 2005.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1981

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Settembru 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 1070/02 JA, fl-ismijiet Emanuel Cutajar vs Najwa Abdul Hafid ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Permezz ta' rikors, ippreżentat, fil-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Mejju 2005, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 1070/2002 JA, Deċiża 27 ta' April 2005, Emanuel Cutajar (ID Numru 465365M) vs Najwa Abdul Hafid, ir-rikorrenti Emanuel Cutajar, espona bir-rispett;

1. Illi permezz ta' Ċitazzjoni ppreżentata fit-23 ta' Settembru 2002, l-attur ippremetta illi;

Peress illi fl-24 ta' Settembru 2000, għal xit-7.45 p.m., waqt li l-istanti kien qed isuq karozza Kia b'numru ta' reġistrazzjoni HAP-581 fi Triq tal-Barrani, iż-Żejtun, din sfat involuta f'inċident awtomobilistiku ma' karozza Mitsubishi b'numru ta' reġistrazzjoni KBC 312, u ma' karozza Renault b'numru ta' reġistrazzjoni EBC-564 misjuqa mill-konvenuta.

Peress illi b' riżultat ta' dan l-inċident l-istanti ġarrab danni konsiderevoli kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, liema danni jridu jiġu likwidati;

Peress illi għall-inċident u konsegwenzjali danni kienet taħti unikament il-konvenuta minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza ta' l-elementi tat-traffiku;

Peress illi l-konvenuta, interpellata biex tagħmel tajjeb għad-danni ta' l-atturi, baqgħet inadempjenti;

U l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. tiddikjara unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq riferit u għad-danni kollha li bħala konsegwenza ta' l-istess ġarrab l-attur;

2. tillikwida d-danni ta' l-attur inkluż dawk ta' debilitazzjoni permanenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-6 ta' Ottubru 2000, u ta' l-ittra uffiċjali mibgħuta skond il-liġi lill-Assigurazzjoni Citadel Insurance p.l.c. u bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata ta' dina ċ-ċitazzjoni, kontra l-istess konvenuta.

.....Omissis.....

6. Illi permezz ta' sentenza mogħtija fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005), fl-ismijiet

It is hereby notified that the Court of appeal by means of a decree given on the 16th September 2005, in the records of the Writ of Summons number 1070/02 JA, in the names Emanuel Cutajar vs Najwa Abdul Hafid, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal on the 17th May 2005, in the records of the Writ of Summons Number 1070/2002 JA, Decided 27th April 2005, Emanuel Cutajar (ID Number 465365M) vs Najwa Abdul Hafid, the applicant Emanuel Cutajar pleaded with respect;

1. That in virtue of a Writ of Summons filed on the 23rd September 2002, the plaintiff premised that;

Whereas on the 24th September 2000, roundabout 7.45 p.m., whilst the applicant was driving the car Kia with registration number HAP-581 in Tal-Barrani Road Żejtun, this was involved in an car accident with the car Mitsubishi with registration number KBC 312 with a car Renault with registration number EBC-564 driven by the defendant.

Whereas as a result of this incident the applicant suffered considerable damages as shall result better during the hearing of the cause, which damages are to be liquidated;

Whereas for the incident and consequent damages the defendant was solely responsible due to imprudence, carlessness, negligence and non-observance of the traffic regulations;

Whereas the defendant called upon to pay the damages of the plaintiff, she failed to do so;

And the same plaintiff asked this Honourable Court so that;

1. it declares as solely responsible for the car accident above referred to and for all the consequent damages which as a consequence of the same the plaintiff suffered;

2. to liquidate the damages the plaintiff suffered including those of permanent disability, if necessary by the appointment of referees;

3. condemn the defendant to pay the plaintiff the amount that shall be declared as due by way of damages.

With costs including those of the interpellatory letter of the 6th October 2000, and of this judicial letter sent according to law to the Insurance Citadel Insurance p.l.c. and with legal interest till the date of filing of this writ of summons, against the same defendant.

.....Omissis.....

6. That in virtue of a judgement given on the twenty seventh (27) of April of the year two thousand and five (2005), in the

premessi, din l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-talbiet kollha ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.

7. Illi l-esponent ħass ruħu aggravat bil-fuq imsemmija Sentenza u għalhekk qed jinterponi dan l-umli Appell quddiem din l-Onorabbli Qorti, liema Appell huwa bbażat fuq aggravji ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioé;

A. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti tal-każ, li konsegwentement wassal għall-konklużjoni mhux totalment korretta dwar l-allokazzjoni tar-responsabbiltà ta' l-inċident, u fil-fatt il-kawża prossima ta' l-inċident kienet il-konvenuta appellata.

Illi mill-provi kif jirriżultaw, il-konvenuta Najwa Abdul Hafid kellha tinsab unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni, li seħħ fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn (2000) fi Triq tal-Barrani, iż-Żejtun, għall-ħabta tat-7.45 p.m.

.....Omissis.....

Għalhekk b'kull rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tara x-xena partikolari tal-każ in kwistjoni u mhux tibbaża d-deċiżjoni tagħha sempliċiment minħabba l-fatt li dehrilha li l-attur ma waqafx fil-ħin.

.....Omissis.....

Huwa prinċipju ben stabbilit fir-regoli tas-sewqan li sewwieq li jittanta li jagħmel manuvra ta' U-turn għandu obbligu li jekk jibdiha għandu jikkompletaha 'b'sikurezza għalih u għal ħaddiehor'.

.....Omissis.....

Primarjament għandu jingħad li l-konvenuta appellata għalhekk kellha l-obbligu li jinkombi fuq kull sewwieq ta' vettura li se jittanta manuvra, biex taġixxi b'kawtela massima u dan biex ma tfixkilx proprju t-traffiku li jkun ġej minn warajha. Dan iktar u iktar meta l-manuvra kienet waħda li tmur kontra r-regoli tas-sewqan u mingħajr ma l-anqas biss tat pre-avviż ta' dan. Il-konvenuta appellata kienet taf li kien hemm it-traffiku warajha, u b'hekk kellha l-obbligu li taċ-ċerta ruħa li , fl-eventwalità ta' tentazzjoni ta' manuvra waqt is-sewqan, setgħet tibda, tkompli u ttemm din il-manuvra li riedet tagħmel mingħajr ma toħloq problemi u mingħajr ma tfixkel it-traffiku fit-triq.

.....Omissis.....

Għandu jingħad illi fis-sewqan, apparti l-fatt li wieħed għandu josserva u jobdi r-regolamenti tat-traffiku, jeżistu ċerti prinċipji li għandhom jiġu osservati minn kull sewwieq. Fosthom u jingħad li hija ferm importanti, hija l-prudenza fis-sewqan, u dana speċjalment fil-konfront ta' sewwieqa oħra.

.....Omissis.....

Manuvra fis-sewqan għandha tittieħed 'in absolute safety'. Ir-responsabbiltà tas-sewwieq għal sewqan prudenti tibda

names premised, this Honourable Court rejected all the demands of the plaintiff, with costs against him.

7. That the applicant felt aggrieved with the above Judgement and is thus filing this humble Appeal therefrom before this Honourable Court, which appeal is based on clear and manifest grievances which consist in the following and that is;

A. That with all respect, the Honourable Court of First Instance made a mistaken assessment of the facts of the cause, which consequently brought about a conclusion which was not totally correct regarding the attribution of the responsibility of the incident, and in fact the proximate cause of the incident was the respondent defendant.

That from the proof as it results, the defendant Najwa Abdul Hafid should have been found solely responsible for the incident in question , which occurred on the twenty fourth (24) of September of the year 2000, in Tal-Barrani Street, Żejtun round about 7.45 p.m.

.....Omissis.....

Thus with all respect the Honourable Court of First Instance had to examine the background of the case in question and not base its decision simply on the fact that it was of the opinion that the plaintiff did not stop in time.

.....Omissis.....

It is a well established principle of driving regulations that a driver who tries to make a U-turn has an obligation that if he starts it he completes it. 'safely for himself and others'.

.....Omissis.....

In the First place it should be stated that the respondent defendant was bound like every driver of a vehicle who is trying to manouver to act with the utmost caution and this not to disrupt the traffic coming from behind. This more so when the manouver was one which goes against the driving regulations and without giving prior notice of this. The respondent defendant knew that there was traffic behind hert and thus was bound to ascertain herself, that in the eventuality of the attempt to manouver during the driving she could start, continue and finish this manouver which she wanted to do without creating problems and without obstructing the traffic on the road.

.....Omissis.....

It is to be stated thus that whilst driving, apart from the fact that one is to observe and obey the traffic regulations, there exist certain principles which are to be observed by every driver. Amongst which what is very important, is prudence in driving,

.....Omissis.....

A manouver in driving is to be taken 'in absolute safety' The responsibility of the driver for prudent driving starts

qabel il-manuvra u matulha.....Omissis.....

B'dana kollu, jingħad għalhekk li l-'main road abuser' kienet definittivament il-konvenuta appellata. Hija riedet taqsam parti mill-main road sabiex tmur in-naħa l-oħra u avolja waqfet, xorta kellha bħala dmir li ma tikkawżax ingombru għas-sewwieqa l-oħra fil-karreġġjata. Kienet purament negliġenza u traskuraġni da parti tagħha biss illi seħħ dak l-inċident, u għalhekk bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, kienet hi l-kawża prossima ta' l-inċident.

.....Omissis.....

B. Subordinatament u bla preġudizzju għal dak li ntqal dwar il-fatt li l-konvenuta appellata għandha tinsab unikament responsabbli għall-inċident, l-Ewwel Onorabbli Qorti messha, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, allokat parti mir-responsabbiltà ta' l-inċident għal fuq l-istess konvenuta appellata.

Illi l-attur appellant kellu miexi quddiemu trakk, u cioé vettura kklassifikata bħala 'heavy goods vehicle' u għalhekk kienet vettura ta' ċerta kobor u mhux sempliċement vettura 'normali'. L-attur appellant kien qed isuq vettura Kia, vettura 'normali' u għalhekk meta sewwieq ikollu trakk bħal dan quddiemu huwa ferm diffiċli għalih li jara eżattament x' inhu jiġri fit-traffiku 'l quddiem.

.....Omissis.....

Huwa kien qed isuq wara l-istess trakk b'kawtela massima, u fil-fatt kif ra t-trakk ta' quddiemu japplika l-brakes, applikahom hu ukoll. Iżda għalkemm huwa minnu li t-trakk irnexxielu jieqaf, ma jistax jiġi injorat il-fatt li m'hemmx differenza bejn vettura ta' dik il-kobor u vettura normali.

.....Omissis.....

Li kieku dan kien qed isuq vettura normali, kien ċertament ma jirnexxilux jieqaf ħesrem, u kien jibqa' diehel fil-vettura tal-konvenuta. Il-vettura Kia ta' l-attur appellant hija eħfef fil-piż u iżgħar fil-kobor mit-trakk, u għalhekk meta huwa applika l-brakes, tant kien maħsud, li ma kienx hemm biżżejjed ċans li l-vettura tieqaf mingħajr ma tidħol f'ta' quddiem.

Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-anqas ma huwa ġust li r-responsabilità kollha, jew xi parti minnha, m'għandhiex tinxtehed fuq il-konvenuta appellata. Iż-żewġ vetturi kienu maħsudin bil-manuvra li hija ttentat li tagħmel mingħajr l-ebda pre-avviż.

.....Omissis.....

L-unika ħaġa li salvat it-trakk milli jaħbat huwa purament il-piż u l-kobor tal-vettura tiegħu. Manuvra bħal dik li ttantat l-konvenuta appellata tmur kontra r-regoli tas-sewqan u l-prudenza fis-sewqan, u ċertament ma jistax jingħad li kienet sewwieqa diliġenti. Bid-dovut rispett, ir-raġunar ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, wasal għall-konklużjoni żbaljata li l-

before the manouver and during its course.....Omissis.....

However, it is to be stated that the 'main road abuser' was definitely the respondent defendant. She wanted to cross part of the main road, to go and see the other side and although she had the duty not to cause inconvenience to the other drivers in lane. It was purely due to negligence and carlessness on her part only that this incident occurred, and thus with all respect to the Honourable Court of First Instance, she was the proximate cause of this incident.

.....Omissis.....

B. Subordinately and without prejudice to that stated regarding the fact that the respondent plaintiff is to be found solely responsible for this incident, the Honourable Court of First Instance should have in the circumstances of the case, attributed part of the responsibility of the incident onto the respondent defendant.

That the respondent plaintiff, had a truck passing before him and that is a vehicle classified as 'heavy goods vehicle' and thus it was a vehicle of a certain size and not simply a 'normal' vehicle. The respondent plaintiff was driving the vehicle Kia, a normal vehicle and thus when such a driver has a truck in front of him, it is very difficult to see exactly what is happening in the traffic, in front of him.

.....Omissis.....

He was driving behind the same truck with maximum caution and in fact as soon as he saw the truck before him apply the brakes, he applied them as well. But although the truck managed to stop, the fact cannot be ignored that there is no difference between a vehicle of that size and a normal vehicle.

.....Omissis.....

If he was driving a normal vehicle, he would not have managed to stop all of a sudden, and he would have crashed into the vehicle of the defendant. The vehicle KIA of the plaintiff appellant, is lighter and small in size than the truck, and thus when he applied the brakes, he was so shocked, that there was not enough chance that the vehicle, stop without crushing into the vehicle infront.

With all respect to the Honourable Court, it is not just that all the responsibility, or part of it, should not be attributed to the respondent defendant. The two vehicles were shocked with the manouver which she tried to do without prior notice.

.....Omissis.....

The only thing that saved the truck from colliding was purely the weight and largeness of its body. Such a manouver which respondent plaintiff tried goes against the driving rules and prudence in driving and certainly it cannot be stated that she was a diligent driver. With all due respect, the reasoning of the Honourable Court of First Instance, brought about the

konvenuta setgħet tagħmel dik il-manuvra impunement.

Jingħad ukoll li fil-fehma ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti d-deċiżjoni kienet tkun differenti li kieku l-attur kien qed isuq immedjatament wara l-konvenut. Il-manuvra attentata mill-konvenut appellata kkawżat ingombru għat-traffiku warajha, li kif diġà ngħad, tmur kontra l-prinċipji fis-sewqan. Il-manuvra ħasdet kemm is-sewwieq tat-trakk miexi warajha kif ukoll l-attur appellant. Li kieku ma ttentatx il-manuvra ma kien iseħħ l-ebda inċident. Għalhekk, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, fir-realtà ma kellhiex tagħmel differenza li l-attur ma kienx miexi eżattament warajha.

Għaldaqstant, l-esponent, filwaqt illi jagħmel riferenza għall-atti tal-kawża u jirriserva li jipproduċi kollha ammissibbli skond il-liġi u li jagħmel l-osservazzjonijiet u sottomissjonijiet li jidhirlu ħekk xieraq, jitlob bil-qima li dina l-Onorabbli Qorti ta' Appell jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-27 ta' April 2005, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dana billi tilqa' t-talbiet u l-aggravji ta' l-attur appellant, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuta appellata.

Appellat: Najwa Abdul Hafid, 201 Pax B. Triq Santa Monica, Raħal Ġdid.

Reġistru tal-Qorti Superjuri (Appelli) illum 22 ta' Settembru 2005.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

wrong conclusion that the defendant could have made that manouver with impunity.

It is also to be stated that in the opinion of the Honourable Court of First Instance would have been different had the plaintiff been driving immediately behind the defendant. The manouver attempted by the respondent defendant caused an obstacle to the traffic behind it, which as already stated, goes against driving practice. The manouver shocked both the driver of the truck driving after her as well as the plaintiff appellant. Had she not attempted the manouver, no incident would have happened. Thus keeping in view the particular circumstances of the case, in reality it made no difference that the plaintiff was not driving exactly behind him.

Thus the applicant whilst referring to the records of the cause and reserves to produce all the admissible proof according to law and to make all the observations and submissions which he deems fit, he prays with respect with that this Honourable Court of Appeal cancels, revokes and annuls the judgement given by the Honourable Court of First Instance of the 27th April 2005, in the cause in the names premised and this by upholding the demands and grievances of the plaintiff appellant, with costs of both instances against the respondent defendant.

Respondent: Najwa Abdul Hafid, 201 Pax B. Saint Monica Street, Paola.

Registry of the Superior Courts, (Appeal) today 22nd September 2005.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1982

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-16 ta' Settembru 2005, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ppreżenta ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri, fl-4 ta' Marzu 2005 kontra George Micallef ta' 47, Triq Għajn Qatet, Rabat, Għawdex, fejn interpellah sabiex fi żmien jumejn iħallas is-somma ta' Lm734 fi ħlas lura ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 1977 – 1990. Fin-nuqqas jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjentu ai termini ta' l-artikolu 40 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Inferjuri Ċivili.

Illum 23 ta' Settembru 2005.

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is herby notified that by a decree dated the 16th September 2005, the Court of Magistrates (Gozo) in its Inferior Civil Jurisdiction, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of section 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

The Commissioner of Inland Revenue filed a judicial letter in the Court of Magistrates (Gozo) Inferior Jurisdiction, on the 4th March 2005 against George Micallef of 47, Triq Għajn Qatet, Victoria, Gozo, wherein he called upon him to settle, within two days, the sum of Lm734 being income tax and provisional tax due for years of assessment 1977 – 1990. In default the said Commissioner will proceed for the execution of the acquired title in terms of article 40 of The Administration of Tax Act.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Inferior Civil Jurisdiction.

This 23rd September 2005.

ANTHONY MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*